**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 20 ta' Marzu 2025

Kump Nru. 453/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Tarek Meashi Ualid**
**(Karta tal-Identitá Bulgara Nru. 852014139)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Tarek Meashi Ualid** ta' 24 sena, iben Ualid Meashi u Amina Hamdi, imwieled Homs, is-Sirja, nhar l-01 ta Jannar 1999, residenti Flat 9, Ta' Frans, Triq in-Naħla, Marsalforn, Għawdex, u detentur tal-karta tal-identità mill-Bulgarija numru 852014139 u/jew passaport mill-Bulgarija numru 860084707 akkużat talli nhar l-1 ta' Ġunju 2023, għall-ħabta tat-15:00hrs ta' wara nofsinhar ġewwa Triq Manuel Magri, Ħamrun u/jew fil-viċinanzi:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f' periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Ahmad Khlif, hekk kif ġie iċċertifikat minn Dr Lara Azzopardi numru ta' reġistrazzjoni 4543.

2. Kif ukoll talli ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu, xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun.

3. Kif ukoll talli volontarjament kiser il-paċi pubblika u/jew l-bon ordni b' għajjat u/jew bi storbju.

Il-Qorti kienet mitluba tipprovdi għas-sigurtà ta' Ahmad Khlif u/jew persuni oħra billi jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba ukoll li f' każ ta' ħtija, jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba ukoll li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmi Tarek Meashi Ualid biex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar id-19 ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta datata 2 ta' Frar 2024.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2024, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa' tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati s-6 ta’ Marzu 2024[1] fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
2. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
3. Fl-artikoli 15A, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
4. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
5. Fl-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Liema Artikoli nqraw fis-seduta tat-15 ta’ Marzu 2024 fejn l-akkużat iddikjara illi m’għandux oġġezzjoni li jiġi ġġudikat minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti u minn dak li semgħet il-Qorti jirriżulta li fl-1 ta’ Ġunju 2023, għall-ħabta tal-22:00hrs ċertu Ahmad Khlif mar jirrapporta ġewwa l-għassa tal-pulizija tal-Ħamrun li dakinhar stess għall-ħabta tat-15:00hrs waqt li kien fi Triq Manuel Magri, il-Ħamrun kellu inċident ma ċertu Tarek Meashi Ualid li, skont Ahmad Khlif, kien tah biċċa xogħol biex jagħmel.[2] Huwa kompla jirrapporta li dakinhar huma kienu fil-vettura tal-parte civile tat-tip Audi A5 bin-numru ta’ reġistrazzjoni CCA126 u kienu qed jitkellmu dwar xogħol meta f’ ħin minnhom, kif wasslu faċċata taċ-Chick King, Tarek Meashi Ualid niżel mill-vettura filwaqt li Ahmed dawwar wiċċu biex ikellem lil ħaddieħor jismu Hasem Muashi li kien mar ikellmu mit-tieqa man-naħa tat-triq. Dak il-ħin il-parte civile ħass daqqa ta’ sikkina

[1] A fol. 166 tal-atti proċesswali.
[2] Ara r-rapport tal-Pulizija a fol. 66 sa 72 ta’ l-atti proċesswali.

fuq wiċċu fuq in-naħa tax-xellug. Ahmad Khlif kompla jgħid li kif dawwar wiċċu ra lil Tarek Meashi Ualid jiġri kemm jiflaħ lejn il-knisja tal-Kunċizzjoni. Ahmad imbagħad qal lil Muashi Hasem sabiex iwasslu malajr l-isptar Mater Dei. Mir-rapport tal-pulizija jirriżulta li Ahmad Khlif mar l-għassa tal-Pulizija liebes jeans blu kollu demm u kellu l-punti fuq n-naħa tax-xellug ta' wiċċu, fil-ġenb ta' ħalqu. Saru tentattivi mill-pulizija biex jagħmlu kuntatt ma' l-allegat aggressur fuq in-numru tal-mobile tiegħu iżda dan irriżulta fin-negattiv. Bħala parti mill-investigazzjonijiet tagħhom, il-Pulizija kellmu wkoll numru ta' stabbilimenti fl-akwata fejn seħħ dan l-allegat inċident sabiex jottjenu filmati CCTV iżda mill-filmati ottjenuti ma rriżulta xejn ta' interess għall-investigazzjonijiet.

Fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tagħhom il-pulizija marru jfittxu lill-allegat aggressur fl-indirizz li ġie indikat lilhom mill-parti leża, iżda hemmhekk sabu żewġ barranin li infurmaw lill-pulizija li kienu ilhom ma' jaraw lil Tarek Meashi Ualid għal diversi xhur u li kien mar jgħix Għawdex. Il-parti leża ntalab imur jagħmel ċertifikat mediku sabiex jiġu ċċertifikati l-ġrieħi li kellu u għalhekk reġa' mar għand Dr Lara Azzopardi. Mitkellma mill-pulizija, Dr Azzopardi qalet li meta staqsiet lil Ahmad kif kien għamel dawk il-ġrieħi hu baqa' jinsistit li waqa' fuq ħadida.[3]

Sussegwentement fl-10 ta' Ġunju 2023 sar kuntatt ma' Tarek Meashi Ualid mill-għassa tar-Rabat Għawdex fejn intalab jagħti l-indirizz tiegħu u anke biex jagħmel kuntatt mal-għassa tal-Ħamrun peress illi riedu jkellmuh. Il-pulizija kellmet lil Hasem Muashi bħala xhud okulari li stqarr li qabel l-argument ta' l-1 ta' Ġunju 2023 diġà kien hemm xi problemi rigward xi flus fuq ix-xogħol bejn Ahmad u Tarek. Mir-rapport tal-pulizija jirriżulta li fl-1 ta' Ġunju 2023 Hasem stqarr li Tarek kien qallu li Ahmad kien ċempillu diversi drabi jargumenta miegħu. Hasem kompla jgħid li Tarek infurmah li Ahmad qallu jiġi Malta u Hasem qal lil Tarek biex imur il-Ħamrun għand il-barbier. Hasem qallu li kien ser iwassal lit-tifel u imbagħad jerġa jmur lura. Sussegwentement Tarek mar għand kuġinuh u Ahmed kien ser imur għalih. Peress li Hasem ipprova jċempel lil Ahmad iżda dan ma qabdux hu ċempel lil Tarek sabiex jgħid lill-Ahmad jerġa' jwasslu l-Ħamrun iżda Ahmad li kien qiegħed isuq u li kien ser jieħu lil Tarek Baħar iċ-Ċagħaq instema' jgħid lil Hasem li ma' kienx ser

[3] Ara r-rapport NPS Nru 2/POL/3228/2023 a fol. 70 tal-atti proċesswali.

idur lura u biex ma' jindaħalx. Mir-rapport jirriżulta li wara Hasem reġa ċempel lil Ahmad, bdew jargumentaw u għalhekk Ahmad reġa wassal lil Tarek il-Ħamrun u waqaf faċċata tat-triq tal-barbier. Imbagħad wasal Hasem u għamlilhom sinjal u qallu jinżel ħalli jkellmu. Hasem iċċara li huwa kien qed ikellem lil Tarek. Hasem ra lil Tarek ser jinżel mill-vettura u dawwar wiċċu lejn il-ħanut tal-barbier u sema' xi għajjat ġej mill-karozza ta' Ahmad. Hasem u raġel ieħor ħarġu jiġru mill-ħanut tal-barbier biex jaraw x' ġara u raw sikkina ma' l-art fil-karozza ta' Ahmad u Ahmad kien qiegħed iżomm wiċċu.

Waqt l-investigazzjoni tagħhom il-pulizija għamlu kuntatt ma' Chade Moache li jiġi l-kuġin ta' Tarek u Ahmad u hu mar l-għassa l-Ħamrun fejn qal li hu kien għand il-barbier u meta ra vettura tieqaf u lil Tarek ser joħroġ minna. Sussegwentement sema' xi għajjat iżda ma' setax jara x' ġara għaliex il-vettura kienet tidher minn wara. Chade kompla jgħid lil Tarek jiġri lejn il-barbier u Ahmad kien qed joħroġlu d-demm. Sussegwentement Tarek ġie mitlub imur l-għassa l-Ħamrun fejn imbagħad ġie arrestat.

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużat irrilaxxa stqarrija fl-14 ta' Ġunju 2023[4] fejn għalkemm wieġeb xi domandi, , għażel li ma' jwieġeb għall-ebda domanda li saritlu dwar l-allegazzjonijiet preżenti.

Ikkunsidrat;

Il-*parti leża* Ahmad Khlif xehed f' dawn il-proċeduri[5] fejn qal li huwa kien ta' biċċa xogħol lill-akkużat u cioè sabiex jagħmel il-konkos f' bitħa u fi tlett kmamar tal-banju għall-prezz ta' €1000. L-akkużat ċempillu sabiex jitiħallas għaliex kien lesta iżda meta mar jivverifika kien ra li ma kienx lest. Hemmhekk qalulu li l-akkużat kien qed jgħid fuqu u għalhekk ċempillu biex jistaqsih il-għala qed kien qed jagħmel hekk. L-għada ċempillu l-akkużat u qallu li kien ġej Malta minn Għawdex sabiex jiċċaraw

[4] Ara l-istqarrija tiegħu, a fol. 10 sa 12 tal-atti proċesswali.
[5] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-28 ta' Novembru 2023 a fol. 79 sa 104 ta' l-atti proċesswali.

l-affarijiet għax kien hemm nuqqas ta' ftehim bejniethom. Ahmad qallu li kellu appuntament dakinhar wara nofsinhar u li dak il-ħin kien qiegħed il-Mellieħa fuq biċċa xogħol u għalhekk qallu biex iċempillu aktar tard. L-akkużat baqa' jċempillu kull ħames minuti biex jiltaqgħu sabiex ikun jista' jerġa jmur Għawdex. Ahmad mar il-Ħamrun u għadda minn ħdejn cafeteria  li hemm fil-kantuniera fejn kien ra lill-akkużat jistenna barra ma'; kuġinuh. Qal li l-akkużat tela' fil-karozza tal-parti leża sabiex jitkellmu u daru dawra bil-karozza. Ħin minnhom ċertu Hasem ċempel lill-akkużat u qallu biex jerġgħu imorru lura ħdejn il-barbier, li qiegħed ħdejn ħanut tat-tiġieġ. Ahmed xehed  li fetaħ kompartament li hemm fil-vettura u wera l-flus lil akkużat u qallu li l-flus kienu hemm u kemm kellu jispiċċa x-xogħol u jitħallas. Sadanittant, il-parti leża laħaq saq faċċata tal-barbier u bil-qiegħda ħdejn il-ħanut tal-barbier kien hemm l-imsemmi Hasem li qal lill-parti leża biex imur hemm. Ahmad qallu ser imur jipparkja u kif qal hekk mill-ġenb induna li l-akkużat kien ħareġ sikkina min-naħa tax-xellug liema sikkina laqtitu f' ħaddejh tan-naħa tax-xellug.

Xehed ukoll li missier l-akkużat  li jgħix fl-Għarabja Sawdija, talbu jwaqqa' l-każ peress li l-akkużat huwa qarib tagħhom. Fil-fatt Ahmad kien sejjer l-għassa tal-Ħamrun biex jirtira r-rapport meta ltaqa' ma' l-akkużat li kien f' karozza tat-tip Peugeot griża u semgħu jgħid lil xi oħrajn li ser jinżel mill-karozza sabiex jkompli jwettaq dak li jirnexxilux jispiċċa l-ewwel darba u ta' x' jifhem li ried joqtol lill-parti leża.

Mistoqsi in kontro-eżami għalfejn rikkeb lil Tarek miegħu fil-karozza minflok baqgħu l-Ħamrun biex jitkellmu huwa wieġeb li ma jiftakarx u lanqas ma ftakar sa fejn wasal. Ahmad innega li qal lill-akkużat biex imorru lejn Baħar iċ-Ċagħaq sabiex ikunu weħedhom. Ahmad xehed ukoll li ma kienx jiftakar x' ħin kien fil-karrozza ma' l-akkużat iżda qal li kien ċert li kien qabel is-sagħtejn ta' waranofsinhar għaliex huwa kellu appuntament dak il-ħin u ċempel biex iħassru. Ahmad innega li s-sikkina kienet fil-karozza tiegħu u li kien hu li ħariġha għall-akkużat u li waqt li kienu qed jissaraw ma' xulxin ħadhielu u tahielu biha. Il-parti leża xehed li hu qala' d-daqqa ta' sikkina mingħand l-akkużat waqt li dan kien bil-bieba tan-naħa tal-passiġġier miftuħa u hu kien b' saqajh barra iżda bil-bqija ta' ġismu għadu fil-karozza u dan waqt li Ahmad kien qiegħed wara l-isteering ikellem lil Hasem.

Xehed ukoll li s-sikkina kienet kbira mhux ħażin, sikkina tal-laħam kbira madwar 30ċentimetru. Qal li ma jafx fejn ħbieha l-akkużat u ma jiftakarx jekk l-akkużat kellux xi basket miegħu. Ahmad stqarr li kien Hasem li ħadu l-Isptar Mater Dei u l-istess Hasem qallu biex jgħid li kienet daħħlitlu biċċa ħadida tas-soffit u dan sabiex ma' jaqlalux problemi.

Xehed Chade Moache[6] li għaraf kemm lill-akkużat u kif ukoll lill-parti leża. Dwar l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni qal li dakinhar ra lill-parti leża u lill-akkużat sejrin bil-karozza tal-parti leża. Skont ix-xhud, l-akkużat kien qiegħed il-Ħamrun fid-dar ta' kuġinuh Louai u l-parti leża ġabru minn hemm.. Ix-xhud kompla jgħid li imbagħad hu kien qiegħed ħdejn il-barbier fi triq id-Duluri, il-Ħamrun meta xi ħadd beda' jgħid li l-parti leża kellu xi ġrieħi. Huwa kompla jgħid li ħareġ barra l-ħanut tal-barbier flimkien ma' Louai u Hasem u marru ħdejn il-parti leża u mbagħad ħaduh l-isptar. Hasem daħal mal-parti leża l-isptar u hu qalilhom li kien waqa' fuq biċċa ħadida fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud stqarr li hu kien qed jitlob ġewwa d-dar tiegħu l-Ħamrun meta wasal Ahmad u qabad jgħajjat lil Tarek biex imorru jitkellmu. Ix-xhud stqarr li meta ħareġ barra ma ra la lil Ahmad u lanqas lil Tarek. Fuq domanda tal-Qorti ix-xhud stqarr li hu ma staqsiex lil Ahmad x' kien ġralu għaliex kellu d-demm u kien qed jgħajjat. Huwa kompla jistqarr li fil-karozza Ahmad kien qed jgħajjat u jidgħi bil-Malti. Fuq domanda tal-Qorti ix-xhud stqarr li hu kien id-dar ma' Louai Muashi u Tarek u ppreċiża li Muashi kien ħdejn il-bieb tad-dar.

Xehed Louai Muashi[7] li qal li hu jiġi l-kuġin ta' Tarek u Ahmad huwa mill-istess tribù. Huwa xehed li dakinhar ta' l-inċident huwa kien għand il-barbier fi triq id-Duluri l-Ħamrun meta sema' ħafna għajjat u ħareġ barra jittawwal u ra lil kuġinuh Hasem qed jipprova jieħu lil Ahmad l-isptar. Qal li mar fil-karozza magħhom iżda ma saqsiex lill-parte ċivile kif kien weġġa' Huwa nnega li Tarek kien qiegħed id-dar għandu għalkemm qal li seta' mar għandu wara li ħareġ mid-dar. Huwa qal li d-dar kienu biss hu u Shadi. Huwa qal li hu mar ma' Hasem u Ahmad l-isptar. Skont ix-xhud Ahmad qal lit-tabiba tal-Isptar li kien weġġa fuq ix-xogħol. Huwa stqarr li

[6] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fid-9 ta' Jannar 2024 a fol. 108 sa 118 ta' l-atti proċesswali.
[7] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fid-9 ta' Jannar 2024 a fol. 119 sa 130 ta' l-atti proċesswali.

kien wara li sar jaf li kien hemm ġlieda ma' Tarek. Huwa xehed li Hasem biss daħal ma' Ahmad għand it-tabib. Xehed ukoll illi lil Tarek u lil Ahmed ma' kienx rahom jiltaqgħu. Huwa spjega li huwa kien ix-xogħol imbagħad mar jagħmel appuntament għand il-barbier, mar ibiddel u reġa' mar għand il-barbier. Huwa dam għand il-barbier xi kwarta jew nofs siegħa sakemm ħareġ u ra lil Ahmad ferut. Ix-xhud stqarr li kien hemm ħafna nies għand il-barbier u kien hemm ukoll Chade iżda ma' kienx f' pożizzjoni li jgħid jekk Chade kienx daħal qablu jew warajh. In kontroeżami x-xhud qal li ma' Ahmad ma' tantx kien jitkellem minħabba fix-xogħol iżda huwa qal li wara l-inċident Ahmad kien beda' jibgħatlu dwar Tarek. Skont ix-xhud Ahmad kien qallu li jekk ma kienx ser imur l-għassa kien ser imur hu. Huwa stqarr ukoll li meta ħareġ mingħand il-barbier ra biss lil Ahmad fil-karozza u lil Tarek ma' rah imkien.

Xehed Hasem Moashi[8] li qal li Tarek Moashi jiġi minnu. B' referenza għall-inċident in kwistjoni x-xhud qal li ra kważi kollox. Huwa stqarr li l-ġurnata ta' qabel l-inċident, filgħaxija, għall-ħabta tad-disa' hu kien flimkien ma' xi erbgħa jew ħames persuni oħra fosthom Chade Moashi, ċertu Mohammed u ċertu Ibrahim fi Triq id-Duluri, l-Ħamrun. Huma kienu fuq il-bankina, faċċata ta' ħanut tat-tiġieġ fejn kienu qed jieklu u jixorbu xi ħaġa. Huwa stqarr li magħhom kien hemm ukoll ħu l-parti leża li jismu Abdulla Klief. F' ħin minnhom wasal Ahmad bil-karozza, niżel u għajjat lil ħuh u marru fil-kantuniera faċċata. Wara ftit dawn bdew jgħajjtu ma' xulxin u għalhekk ix-xhud u l-oħrajn staqsew x' kien ġara u Ahmad qal lil Hasem "il-kuġin tiegħek!". Ix-xhud stqarr li ma' kienx jaf li Tarek kien jaħdem ma' Ahmad. Imbagħad ix-xhud stqarr li qam bil-wieqfa u qalilhom jikkalmaw. Ahmad qallu li Tarek kien ħadimlu biċċa xogħol u mar jgħid lin-nies f' Għawdex li kien għadu ma' ħallsux. Ix-xhud qallu biex iħallsu jekk kien lesta iżda Ahmad qal li ma kienx ser iħallsu u li l-għada kien lest għalih. Skont ix-xhud dan il-kliem intqal quddiem kollha kemm huma. Ix-xhud qal li lil Ahmad qallu li ma kienx sew li jgħajjar lil Tarek quddiem in-nies: hu kellu biss ikellmu u jirranġaw bil-kelma t-tajba.

Xehed li l-għada wara nofsinhar il-kuġin tax-xhud ċempillu u qallu li Ahmad kien ġabar lil Tarek u rikbu miegħu fil-karozza u kien qed jaħseb li dan Ahmad kien ser

[8] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-7 ta' Frar 2024 a fol. 156 sa 163 ta' l-atti proċesswali.

jiġġieled miegħu. Hasem ċempel lil Ahmed u għall-ewwel ma' rrispondiex u qatalu. Sussegwentement ċempel lil Tarek u staqsieh fejn kien u Tarek qallu li kien riekeb ma' Ahmad u ma' kienx jaf it-triq fejn kienu. Sussegwentement inqatgħet il-linja u xi ftit wara tfaċċa Tarek flimkien ma' Ahmad li kien qed isuq. Huwa qal lil Tarek jinżel mill-karozza u daħal għand il-barbier. Wara ftit semgħu l-għajjat, ħarġu u raw lil-Ahmad bid-demm f' wiċċu u qabdu u ħaduh l-isptar. Hasem qal li baqa' ma' Ahmad l-isptar. Skont Hasem meta staqsew lil Ahmad kif weġġa u qalilhom li kellu sikkina fil-karozza miegħu u mar biex jolqot lil Tarek iżda minflok laqat lilu nnifsu. Qal però li waqt li kienu l-isptar, il-parti leża qal lit-tabiba li kien weġġa' fuq il-post tax-xogħol.

Xehed Dr Edward Cherubino li ppreżenta u ħalef ir-rapport tiegħu li ġie eżebit bħala Dok. EC. Dr Cherubino ikkonferma li huwa ċċertifika l-ġrieħi li kellu l-vittma bħala ta' natura gravi u ta' natura permanenti.[9]

Xehed l-akkużat Ualid Tarek Heashi[10] li qal li l-parte civile l-kien qabdu jagħmel xi xogħol tal-konkos ġewwa Għawdex u kien qallu li malli jispiċċa jħallsu. Skont l-akkużat ix-xogħol kien jinvolvi erbat' ijiem xogħol u hu rnexxielu jagħmlu f'jumejn. Huwa qal ukoll li l-parte civile kien qallu li meta x-xogħol ikun lest immorru jiċċekkjaw hu u wieħed Malti imbagħad jumejn wara iħallsu. L-akkużat kompla jistqarr li sussegwentement il-parte civile qallu li kienu ċċekkjaw ix-xogħol li rriżulta li kien perfett u li fi żmien jumejn kien ser iħallsu. Xehed li l-parte civile beda' jirrikattaħ bil-fatt li hu qisu kien qiegħed jaħdem b' mod illegali peress illi ma' kellux dokumenti maħruġa minn Malta iżda dokumenti barranin biss. Skont l-akkużat, il-parte civile qallu jistenna u imbagħad hu beda' jċempillu. Meta ra li ma wasal imkien qabbad lil Shadi,  li hu apparentat kemm mal-parte civile u kif ukoll mal-akkużat, sabiex jiġborlu l-flus għaliex skontuu dan Shadi kellu ċertu influwenza fuq il-parte civile peress illi hu jiġi minnhom it-tnejn. Fil-fatt Shadi mar ikellmu x' imkien il-Ħamrun u skont ma Shadi qal lill-akkużat il-parte civile qallu li hu u ħuh kienu ser imorru jsibu lill-akkużat. Għalhekk Shadi qal lill-akkużat biex ma' jirrispondix it-telefonati tal-parte civile. Iżda l-akkużat irrisponda u skontu il-parte civile beda'

[9] Ara r-rapport tiegħu eżebit a fol. 141 sa 155 ta' l-atti proċesswali u x-xhieda tiegħu mogħtija fis-7 ta' Jannar 2024 a fol. 164 ta' l-Atti proċesswali.
[10] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-3 ta' Ġunju 2024 a fol. 174 sa 186 ta' l-atti proċesswali.

joffendi lilu u lil missieru u lil ommu. Sussegwentement l-akkużat niżel Malta u mar il-Ħamrun, speċifikament, id-dar ta' kuġinuh Shadi. Shadi kien qed jitlob u Luqaj kien barra ħdejn il-bieb. Skontu imbagħad ċempillu l-parte civile u qallu li jekk kien raġel kellu imur miegħu Baħar iċ-Ċagħaq. Fil-fatt, il-parte civile għadda għalih bil-karozza tiegħu d-dar ta' Shadi ġewwa l-Ħamrun u rikeb miegħu. L-akkużat stqarr li rikeb miegħu għaliex ried il-flus tiegħu ħalli jibgħathom lil familtu ġewwa t-Turkija. L-akkużat mal-ewwel staqsa lill-parte civile kienx ser iħallsu u dan qallu li ma kienx. Dak il-ħin irċieva telefonata mingħand Hasem li qallu biex idur lura. F' ħin minnhom il-parte civile waqqaf il-karozza u pparkja u kif l-akkużat kien ser jinżel mill-karozza Ahmad ħareġ sikkina mill-bieba tiegħu. Skont l-akkużat is-sikkina kienet żgħira, madwar 9 cms. L-akkużat kompla jgħid li idu x-xellugija hija miksura u stqarr li hu beda' jissara ma' Ahmad li kellu s-sikkina f' idu l-leminija u fil-pront il-parte civile laqat lilu nnifsu f' wiċċu fuq in-naħa tax-xellug. L-akkużat ħareġ mill-karozza. Skond l-akkużat, il-parte civile heddu li ser joqtlu u anke heddu l-ġurnata ta' qabel. Muri ritratt eżebit in atti ta' ferita fuq wiċċ il-parte civile, l-akkużat qal li dik kienet l-ewwel darba li ra dik il-ferita. L-akkużat stqarr li ħarab minn fuq il-post għaliex hu ma' kellux dokumenti x' juri u allura beża' li jiġu u jsibuh il-pulizija. In kontro-eżami huwa stqarr li ma rax demm għaliex huwa ħarab minn fuq il-post.

Ikkunsidrat

Illi f'dan il-każ, il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet – dik tal-vittma u dik ta' l-akkużat li għażel li jixhed f' dawn il-proċeduri. Għalkemm il-Qorti tinnota li dawn il-verżjonijiet jaqblu f'ċerta dettalji, ossija li l-akkużat kien tqabbad jagħmel biċċa xogħol mill-vittma u li mbagħad kellu jħallsu, m' hemmx qbil fuq il-fatt kienx tlesta dan ix-xogħol u l-għala l-akkużat ma' kienx tħallas ta' tali xogħol. L-akkużat isostni li huwa lesta x-xogħol b' mod impekkabbli qabel iż-żmien miftiehem u l-vittma ma' riedx iħallsu. Min-naħa tiegħu, il-vittma sostna li x-xogħol ma' kienx tlesta u kien għalhekk li huwa kien għadu ma' ħallsux. Kien proprju dan ix-xogħol li wassal għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri fejn filwaqt li l-vittma jgħid li l-akkużat ħebb għalih b' sikkina waqt li kienu fil-karozza tal-parti leża u kkawżalu ġrieħi ta' natura gravi skont kif iċċertifikat t-tabiba Dr Lara Azzopardi, l-akkużat isostni li kien il-parti

leża li kellu sikkina u għamel għalih biha u waqt li kienu qed jissieltu ma' xulxin, l-vittma laqat lilu nnifsu f' wiċċu. Min-naħa tiegħu, il-parti leża xehed li wara li hu kien qiegħed jipparkja ġewwa l-Ħamrun l-akkużat ħareġ sikkina għalih u tah daqqa biha f' wiċċu.

Illi, f'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[11] fejn jingħad:

> "*Illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux.*"

Illi għalhekk il-Qorti għandha teżamina l-provi miġjuba quddiemha fid-dawl tal-Artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha. Tali eżami, madanakollu, ma jistax isir b'mod spezzettat għaliex kif ġie ritenut fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis A:**[12]

> *"Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali iżda l-provi għandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x' inferenzi jew interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista' jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab ħtija jew nuqqas ta' ħtija sempliċiment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

[11] **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, Qorti tal-Appell Kriminali, 9 ta' Lulju 2003, (App. Krim. Nru 59/2003).
[12] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis A**, Qorti Kriminali, 6 t' Ottubru 2023, (Att ta' Akkuża Nru: 10/2022).

Ikkunsidrat;

Illi fil-fehma tal-Qorti, meta riskontrata max-xhieda u l-provi miġjuba quddiema, il-Qorti ssib li l-verżjoni tal-parti leża ftit li xejn għandha mis-sewwa. Il-Qorti ssib, filfatt, li din il-verżjoni hija imtappna b' diversi inkonsistenzi u saħansitra hemm fatturi u ċirkostanzi oħra li jxejnu din il-verżjoni u jdaħħlu dubju raġonevoli dwar il-kredibbiltà tal-parti leża.

Illi fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2023, il-parti leża deher sabiex jixhed quddiem iżda wara li l-Qorti diversament ippresjeduta spjegatlu li kellu l-għażla li ma' jixhidx jekk ħaseb li bix-xhieda tiegħu huwa kien ser jinkrimina ruħu, huwa għażel li ma' jixhidx. Illi sussegwentement, il-parti leża ma baqax isegwi dawn il-proċeduri u fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2023 il-Qorti ordnat li l-parti leża jittella' l-Qorti permezz ta' mandat ta' akkumpanjament għas-seduta ta' wara.[13]

Illi fix-xhieda mogħtija mill-parte ċivile jingħad li waqt li hu u l-akkużat kienu fil-vettura, il-parte ċivile fetaħlu kompartiment tal-karozza u wrieħ il-flus tal-pagament u saħansitra qallu li x'ħin ilesti x-xogħol huwa kien se jitħallas. Il-Qorti ssib li din il-verżjoni hija inverosimili. Fl-ewwel lok, għandu jitqies li r-raġuni li wasslet għall-inċident *de quo* kien propju n-nuqqas ta' pagament li l-akkużat tant kien qed jiġri warajh. Issa, l-akkużat qiegħed fil-vettura tal-parte ċivile u issa ra li l-pagament kien *a portata di mano* u minflok aggredixxa lill-parti leża biex jieħu l-flus, aggredixxieħ biex iweġġgħu bis-sikkina mingħajr ebda tentattiv biex jieħu l-flus qabel ma ħarab minn fuq il-post. Filfatt, min imkien ma ħareġ mill-provi li l-akkużat talab il-pagament li, skont il-parte civile, kienu għadu kemm ra b'għajnejh.

Illi l-Qorti tinnota li x-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni mhux dejjem kienu konsistenti bejniethom u filfatt il-Qorti diversament ippresjeduta ħasset il-ħtieġa li tiġbded l-attenzjoni tax-xhieda dwar l-obbligu li jixhdu l-verità. Mhux l-istess jista' jingħad, madanakollu, għal Hasem Moashi li xehed b'mod konsistenti u koerenti.

[13] Ara l-verbal tal-Qorti diversament presjeduta a fol. 61 ta' l-atti proċesswali.

Filfatt, minkejja li Chade Moach u Louai Muashi xehedu li akkumpanjaw lill-parte civile l-isptar, qalu li ma saqsewħx x'kien ġara. Il-Qorti tgħid mingħajr tlaqliq li din il-verżjoni tagħhom m'għandhiex mis-sewwa. Hasem Moachi, min-naħa l-oħra xehed li fil-karozza huma u sejrin l-isptar, il-parti leża ammetta li hu kellu s-sikkina u waqt it-taqbida bejniethom, il-parte civile laqat lilu nnifsu.

Illi mix-xhieda prodotta jirriżulta mhux kontradett li meta Dr Lara Azzopardi invistat lill-parti leża siegħa wara l-allegat inċident ġewwa d-dipartiment ta' l-emerġenza ta' l-Isptar Mater Dei, hu qalilha li kien waqa' fuq ħadida bil-ponta fuq il-post tax-xogħol. Il-Qorti tara li fl-assjem tal-provi, b'mod aktar speċifiku fejn il-parte ċivile kien irrabjat ħafna fil-vettura hu u jittieħed l-Isptar, ma tagħmilx sens li minflok jgħid il-verżjoni ta' dak li kien ġara, ossija li allegatament safà aggredit mill-akkużat, kellu jivvinta li kellu inċident fuq il-post tax-xogħol. Ta min jinnota wkoll li r-rapport lill-pulizija sar numru ta' siegħat wara li seħħ l-inċident *de quo* fejn allura l-parte ċivile kellu aktar ċans jaħseb dwar verżjoni li seta' jagħti lill-pulizija.

Ikkonsidrat;

Illi l-verżjoni mogħtija mill-akkużat għal dan l-inċident, min-naħa l-oħra, hija aktar konsistenti. L-akkużat xehed li l-episodju tas-sikkina ġrat hekk kif kien ħiereġ mill-karozza tal-parti leża. Huwa jsostni li s-sikkina kienet tal-parti leża, teżi, li fil-fehma tal-Qorti aktar tagħmel sens milli dak li qed isostni l-parti leża. Dan aktar u aktar tenut kont li l-parti leża xehed li s-sikkina kienet kbira madwar 30cms u għalhekk huwa inverosimili li kienet diġà fil-pussess ta' l-akkużat meta huwa rikeb fil-karozza tal-parti leża. Sikkina ta' dak il-kobor huwa diffiċli jekk mhux impossibbli taħbiha. Lanqas forsi jista' jingħad li l-akkużat kien ħeba xi sikkina f' basket li kien qed iġorr għaliex minn imkien mill-provi ma' ġie stabbilit li l-akkużat kellu xi basket.

Illi di più mill-provi prodotti ma jirriżultax li waqt li l-akkużat kien riekeb mal-parti leża kien hemm xi argument li tant saħan li l-akkużat ħareġ sikkina u ta lill-parti

leża biha. Dan in-nuqqas, fil-fehma tal-Qorti jkompli jxejjen it-teżi tal-parte civile li l-akkużat ħareġ sikkina għalih. Anzi, f'dan id-dawl hija aktar verosimili t-teżi ta' l-akkużat li l-parte civile attwalment kellu s-sikkina fil-vettura tiegħu. Anke hawnhekk, dan id-dettall huwa kkorroborat bix-xhieda ta' Hasem Moashi li xehed l-parti leża qallu li hu kellu sikkina fil-karozza miegħu u mar biex jolqot lil Tarek iżda minflok laqat lilu nnifsu.

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużat qed jiffaċċja akkuża li ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu, xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun bi ksur ta' l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi kif diġà msemmi hawn fuq, il-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova illi s-sikkina li feriet lill-parte ċivile kient tal-akkużat, anzi jirriżulta li kienet tal-istess parte ċivile.

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet akkuża tikkonsisti f' reat ta' natura kontravvenzjonali kif kontemplat fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. F' dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil:**[14]

> *"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minnhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil" u "dan ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace."*

[14] **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil,** 23 ta' Ġunju 1994, Qorti tal-Appell Kriminali,

Illi mill-provi kollha prodotti ma jirriżultax li l-inċident *de quo*, kellu l-effett deskritt fis-sentenza appena ċitata, la fuq il-parti leża u lanqas fuq xi ħaddieħor mix-xhieda li xehdu dwar dak li raw jew semgħu a rigward dan l-inċident. Di più fid-dawl ta' dak espost aktar 'l fuq f'din is-sentenza ma' jirriżultax bl-ebda mod li l-akkużat kiser il-paċi pubblika.

Illi għalhekk il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-akkużi miġjuba kontra l-akkużat sal-grad rikjest mil-liġi.

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 15A, 31, 214, 215, 216, 218, 338(dd), 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil **Tarek Meashi Ualid** **<u>mhux ħati</u>** ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**